SORVELJANZA TAL-**ECDC**

# Rapport epidemjoloġiku annwali 2011

Sommarju

Dan ir-rapport jippreżenta l-analiżi tad-dejta ta' sorveljanza rrapportata għall-2009 mis-27 Stat Membru tal-UE u mit-tliet pajjiżi taż-ŻEE/EFTA, kif ukoll analiżi tat-theddid skopert fl-2010. Huwa mmirat għal dawk li jfasslu l-politika, għall-epidemijologi u għall-pubbliku inġenerali u għandu l-għan li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-aspetti ewlenin tal-mard li jittieħed ħafna fl-Unjoni Ewropea. Ir-rapport jiddeskrivi oqsma fejn huwa meħtieġ rispons dwar is-saħħa pubblika li jkun hemm aktar qbil dwaru sabiex jitnaqqas il-piż preżenti u futur tal-mard li jittieħed ħafna fuq is-sistemi tas-soċjetà u tal-kura tas-saħħa. Id-dejta ppreżentata hawnhekk tikkontribwixxi ulterjorment għall-kompitu tal-ECDC li jipprovdi l-bażi ta' evidenza għall-azzjoni fis-saħħa pubblika.

Minkejja li l-kwalità u l-komparabbiltà tad-dejta rrapportata tjiebet b'mod konsiderevoli mit-twaqqif tal-ECDC, il-qarrej huwa xorta waħda mwissi sabiex ma jagħmilx paraguni diretti tad-dejta ppreżentata bejn il-pajjiżi. Is-sistemi ta' sorveljanza jvarjaw ħafna, u r-relazzjoni bejn ir-rati ta' każijiet ikkonfermati li ġew irrapportati u l-inċidenza reali tvarja minn pajjiż għal ieħor għal ħafna mard.

## Infezzjonijiet fl-apparat respiratorju

F'April 2009, fl-Amerika ta' Fuq, feġġ il-vajrus tal-influwenza pandemika A(H1N1), u l-każijiet mill-ewwel ġew rikonoxxuti fir-Renju Unit u fi Stati Membri oħra. Wara l-ilħuq inizjali tal-ogħla livelli fir-rebbiegħa u s-sajf, il-parti l-kbira mit-trażmissjonijiet tal-vajrus seħħew fil-ħarifa u fil-bidu tax-xitwa, filwaqt li naqsu għal livelli baxxi sal-bidu tal-2010. L-ECDC issorvelja l-pandemija permezz ta' estensjoni tas-sistemi normali Ewropej ta' sorveljanza, li jinkludu sorveljanza sentinella tal-konsultazzjonijiet tal-prattika ġenerali, il-kampjuni pożittivi għall-influwenza minn prattiki u sorveljanza sentinella ta' infezzjoni respiratorja akuta gravi fi sptarijiet sentinelli.

Kważi l-każijiet kollha ta' influwenza kienu kkawżati mill-vajrus il-ġdid A(H1N1) u parti żgħir mill-perċentwal ta' każijiet kienet dovuta għall-vajrus B (nisel ta' Victoria). L-A(H1N1) staġjonali preċedenti spiċċa, u miegħu r-reżistenza assoċjata ma' oseltamivir, li jintuża b'mod komuni għall-profilassi u l-kura matul il-pandemija. L-ogħla rati ta' konsultazzjoni għall-kura primarja ġew osservati fil-grupp ta' età ta' bejn 0-14-il sena, iżda l-mard gravi ppredomina fl-adulti li għandhom inqas minn 65 sena.

Is-sorveljanza tal-każijiet respiratorji gravi akuti li kellhom bżonn kura fl-isptar, ġiet implimentata b'diversi forom mill-11-il Stat Membru. Mill-ġimgħa 40/2009, ġew irrapportati 9 469 każijiet b'569 fatalitajiet relatati. Ir-rata ta' każijiet irrapportati naqset bl-età, filwaqt li kien hemm relazzjoni bejn riżultat gravi u età akbar, is-sess maskili u l-preżenza ta' mill-inqas kundizzjoni medika prinċipali waħda. F'każijiet eċċezzjonali, 20% mill-imwiet ikkonfermati minħabba l-influwenza seħħew f'adulti u tfal li qabel kienu b'saħħithom, sikwit marbuta ma' sindromu ta' diffikultà respiratorja akuta.

F'Awwissu 2010, il-pandemija ġiet iddikjarata uffiċjalment li daħlet fil-fażi post-pandemika. Fix-xitwa tal-2010, għadd kbir ta' pazjenti infettati bir-razza pandemika kienu jeħtieġu kura intensiva, u dan poġġa lis-sistemi tas-saħħa ta' diversi pajjiżi taħt pressjoni, minkejja staġun ta' influwenza li b'mod ġenerali kien relattivament ħafif.

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, Stokkolma, 2011

Nofs ir-razez tal-influwenza investigati, matul l-istaġun ta' sorveljanza tal-influwenza 2010/2011 kienu kkawżati mir-razza pandemika.

Tilqima monovalenti rrakkomandata mill-WHO intużat mill-Istati Membri, b'definizzjonijiet li jvarjaw tal-gruppi fil-mira. Il-vaċċini użati kienu jaqblu sew mal-vajrus pandemiku u dan irriżulta fl-effikaċja tal-vaċċini; madankollu, l-impatt tagħhom kien limitat bl-użu wara li kienet seħħet ħafna mit-trażmissjoni tal-vajrus. F'Awwissu 2010, il-Finlandja, segwita mill-Isvezja, irrapportat żieda fil-każijiet ta' narkolessija fl-adolexxenti mlaqqmin b'vaċċin pandemiku ta' ditta partikolari. Inbdew għadd ta' studji biex jiġi investigat jekk hemmx relazzjoni każwali bejn dan il-vaċċin u n-narkolessija.

It-tagħlimiet għas-sorveljanza u r-rispons derivati mill-esperjenza tal-pandemija jinkludu l-bżonn tal-pajjiżi Ewropej li jsaħħu s-sorveljanza individwali u kollettiva tagħhom tal-influwenza staġjonali 'normali', peress li minn din il-bażi, jiġu żviluppati sistemi f'sitwazzjonijiet ta' pandemija. Il-pandemija wriet ukoll li hemm bżonn li l-pajjiżi jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jwettqu r-riċerka applikata meħtieġa fl-epidemjoloġija tar-razza pandemika fil-ħin, kemm matul il-pandemija kif ukoll fil-perjodu immedjatament ta' wara.

Ġew rikonoxxuti diversi tifqigħat ta' influwenza tal-għasafar fl-għasafar matul l-2009, inklużi tnejn minħabba xejriet patoġeniċi ħafna - il-Ġermanja, A(H5N1); u Spanja, A(H7N7). Ma ġie rrapportat l-ebda każ fil-bnedmin assoċjat mat-tifqigħat ta' influwenza tal-għasafar.

Il-marda tal-Leġjonellożi (leġjonellożi) għadha infezzjoni mhux komuni fl-UE u fil-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA. Kien hemm żieda sinifikanti mill-2007 fin-numru ta' każijiet assoċjati mal-ivvjaġġar – fl-2009 ġew identifikati 88 grupp ta' każijiet ta' infezzjoni assoċjati mal-ivvjaġġar. Dan it-tnaqqis fil-każijiet assoċjati mal-ivvjaġġar jista' jkun relatat ma' implimentazzjoni aħjar tal-linji gwida għall-kontroll tal-Leġjonella u t-tnaqqis fl-ivvjaġġar internazzjonali matul ir-reċessjoni ekonomika globali. Hija meħtieġa reviżjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni.

It-tuberkolożi (TB) għadha infezzjoni komuni u piż tal-mard importanti, bi kważi 80 000 każ li għadhom jiġu nnotifikati kull sena madwar l-UE. In-numru ta' każijiet ta' TB li ġew irrapportati komplew jonqsu, u b'mod ġenerali kien hemm żieda żgħira iżda sostnuta fir-rati ta' notifika tal-UE/ŻEE mill-2005 ta' madwar 4% kull sena. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw tnaqqis fir-rati matul dan il-perjodu. Ċerti pajjiżi b'rati relattivament baxxi ta' infezzjoni (eż. il-pajjiżi Nordiċi, Ċipru, Malta, ir-Renju Unit) irrapportaw rati li qegħdin jiżdiedu li huma tal-inqas parzjalment assoċjati ma' numri li qegħdin jiżdiedu ta' każijiet li joriġinaw barra l-pajjiż ta' rapportar. It-tuberkolożi hija aktar prevalenti fost il-gruppi żvantaġġati u marġinalizzati, inklużi migranti, persuni mingħajr dar, nies foqra fl-ibliet ta' ġewwa, priġunieri, nies infettati bl-HIV, u min jieħu d-droga.

Il-proporzjon ta' każijiet ikkombinati ta' tuberkolożi reżistenti għal diversi mediċini (MDR TB) naqas bi ftit mill-2008 (5.3%), iżda l-proporzjon ta' dawn il-każijiet ikkaratterizzati bħala reżistenti għat-TB b'mod estiż għall-mediċini (7%) huwa ta' tħassib, u relatat b'mod primarju ma' reġimi ta' kura mfassla ħażin jew mhux kompluti. Ir-rata ġenerali ta' suċċess tar-riżultat tal-kura għall-koorti tal-2008 kien ta' 78%; sitt pajjiżi rrapportaw l-ilħuq tal-mira ta' 85% suċċess fit-kura għall-koorti tal-2007.

## HIV, infezzjonijiet trażmessi sesswalment, epatite B u Ċ

L-infezzjoni tal-HIV għadha waħda mill-problemi ewlenin marbuta mas-saħħa tal-pubbliku fl-Ewropa. In-numru totali ta' każijiet ikkonfermati li jiġu rrapportati fis-sena fl-UE u fil-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA ġie stabbilizzat għal madwar 28 000 każ fis-sena. L-irġiel li jkollhom rapporti sesswali ma' rġiel oħra jiffurmaw l-akbar grupp ta' każijiet (35%), segwiti minn dawk li ħadu l-vajrus permezz ta' kuntatt eterosesswali fl-Ewropa (24%), u minn min jinjetta lilu nnifsu bid-droga fil-vina (5%). Trażmissjoni mill-omm għat-tfal, infezzjoni nożokomjali, trasfużjoni jew prodotti tad-demm oħra kienu jammontaw għal 1% biss tal-każijiet.

Xejriet sinifikanti fil-mudelli ta' trażmissjoni tal-mard għadhom jiġu osservati. Bejn l-2004 u l-2009, il-każijiet tal-irġiel li kellhom rapporti sesswali ma' rġiel oħra żdiedu b'24%, il-każijiet akkwistati permezz ta' trażmissjoni eterosesswali li ġew irrapportati fl-Istati Membri Ewropew baqgħu relattivament stabbli b'xi sinjali ta' żieda fl-2009; il-każijiet ta' trażmissjoni eterosesswali li joriġinaw minn pajjiżi b'epidemija tal-HIV ġeneralizzata naqsu bi kważi 50%. In-numru ta' każijiet f'min jinjetta lilu nnifsu bid-droga fil-vina naqas ukoll b'mod sostanzjali.

B'mod li jirrifletti t-titjib fl-aċċess għall-kura u l-effikaċja tagħha, in-numru ta' dijanjożi ta' AIDS fl-UE naqas b'aktar minn nofs bejn l-2004 u l-2009. L-Istati Baltiċi kienu eċċezzjoni għal dan, b'żidiet fin-numru ta' każijiet ta' bejn 8% u 76%.

Il-klamidja hija l-infezzjoni trażmessa sesswalment li ġiet irrapportata l-aktar ta' spiss (STI) fl-UE, bi kważi 350 000 każ irrapportat fl-2009. Ir-rati li ġew irrapportati żdiedu b'aktar mid-doppju f'dawn l-aħħar 10 snin. Din iż-żieda sa ċertu punt tirrifletti l-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex itejbu d-dijanjożi u r-rapportar tal-infezzjoni, inkluż l-iżvilupp tal-programmi ta' skrinjar u sorveljanza. Aktar minn tliet kwarti tal-każijiet huma dijanjostikati fl-adulti żgħażagħ li għandhom inqas minn 25 sena. Madankollu, x'aktarx li jkun hemm nuqqas ta' rapportar minħabba n-natura asintomatika tal-infezzjoni. Il-klamidja tippreżenta piż sinifikanti u li qiegħed dejjem jiżdied ta' infezzjoni kemm individwali (il-biċċa l-kbira adulti żgħażagħ) kif ukoll tas-servizzi tas-saħħa, fid-dawl tan-numru ta' infezzjonijiet u l-okkorrenza ta' fertilità mnaqqsa bħala riżultat għal ċerti nisa.

Ir-rati li ġew irrapportati għall-gonorroea u s-sifilide huma ferm aktar baxxi, u x-xejriet jidhru li huma relattivament stabbli, bi tnaqqis żgħir (9%) ġenerali f'każijiet irrapportati għaż-żewġ infezzjonijiet matul l-2006-09. Madankollu, ir-rati rrapportati jvarjaw sew skont il-pajjiż, filwaqt li ċerti pajjiżi ma jirrapportawx dawn l-infezzjonijiet. Ir-rati ta' gonorroea naqsu b'mod sinifikati f'diversi Stati Membri matul l-2006-09; ġew irrapportati rati ogħla u aktar stabbli mir-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Istati Baltiċi. Iż-żieda fir-reżistenza għall-antibjotiċi prinċipali użati għall-kura tal-gonorroea fl-UE, hija kwistjoni li qiegħda toħroġ b'rabta mas-saħħa tal-pubbliku. Ir-rati u x-xejriet li ġew irrapportati għall-każijiet ta' sifilide kienu jvarjaw sew bejn l-Istati Membri matul l-2006-09. Ġew irrapportati żidiet kbar minn diversi pajjiżi, li ħafna minnhom kienu assoċjati ma' żidiet fir-rapporti ta' infezzjoni fost l-irġiel li jkollhom rapporti sesswali ma' rġiel oħra.

In-numru ta' każijiet ta' epatite B li ġew irrapportati naqas b'mod kostanti madwar l-UE matul l-2006-09, fejn ġie osservat tnaqqis fil-parti l-kbira tal-Istati Membri. Fi ħdan dan it-tnaqqis, l-epidemjoloġija tirrifletti taħlita kumplessa ta' trażmissjoni sesswali, li tinxtered permezz tad-demm u tat-trażmissjoni perinatali, li tvarja fi Stati Membri differenti. Ix-xejra ġenerali fil-każijiet irrapportati ta' epatite Ċ tidher li qiegħda tiżdied maż-żmien, u l-epatite Ċ hija meqjusa bħala l-forma l-aktar komuni ta' epatite virali fl-UE. Madankollu, din l-osservazzjoni għadha waħda tentattiva, minħabba li l-biċċa l-kbira tas-sistemi ta' sorveljanza tal-Istati Membri ma jagħmlux distinzjoni bejn infezzjoni akuta u waħda kronika. Barra minn hekk, id-differenzi bejn il-prattiki dijanjostiċi u s-sistemi ta' sorveljanza fl-Istati Membri, għaż-żewġ infezzjonijiet, iżidu d-differenzi fir-rati rrapportati bejn il-pajjiżi, u jagħmlu l-komparabbiltà ta' informazzjoni għal dan il-mard fil-livell tal-pajjiż partikolarment diffiċli.

Il-koordinazzjoni tan-netwerks ta' sorveljanza għall-HIV/AIDS u għall-infezzjonijiet trażmessi sesswalment kienet integrata fl-ECDC fl-2008 u l-2009, rispettivament, u fl-2011, l-ECDC stabbilixxa netwerk ġdid għas-sorveljanza tal-epatite. L-ECDC qiegħed jaħdem ma' dawn in-netwerks biex jistandardizza ulterjorment is-sorveljanza ta' dan il-mard u biex jaħdem lejn komparabbiltà akbar ta' informazzjoni dwar l-epidemjoloġija tagħhom.

# Mard trażmess mill-ikel u l-ilma

L-infezzjonijiet tas-*Salmonella* u l-*Campylobacter* għadhom l-aktar mard gastrointestinali komuni li jiġu rrapportati fl-UE. L-inċidenza rrapportata tal-infezzjoni tas-*Salmonella* bdiet tonqos b'mod kostanti sa mill-2004, għallinqas parzjalment assoċjata ma' programmi ta' kontroll tal-infezzjonijiet b'suċċess fl-industrija tat-tjur; ir-rati ta' infezzjoni tal-*S.* Enteriditis naqsu b'24% meta mqabbla mal-2008. Ir-rati ta' każijiet huma ogħla fir-Repubblika Ċeka, fis-Slovakkja, fl-Ungerija u fil-Litwanja, minkejja li naqsu wkoll sostanzjalment f'dawn il-pajjiżi matul dawn l-aħħar snin. L-infezzjoni tas-*Salmonella* għadha tiġi rrapportata l-aktar fi tfal li għandhom inqas minn 5 snin. Din għadha wkoll is-sors ta' ħafna tifqigħat; matul l-2009 ġew ivverifikati 324 tifqigħa inkluż 4 500 każ identifikat mill-Istati Membri. Ċerti tifqigħat kienu multinazzjonali, inkluż tifqigħa ta' *S.* Goldcoast (sitt pajjiżi tal-UE) u tip ta' *S.* Typhimurium (FDT) 191a (li taffettwa r-Renju Unit u l-USA).

L-infezzjonijiet ta' *Campylobacter* huma l-aktar infezzjonijiet gastrointestinali rrapportati b'mod frekwenti fl-Ewropa, hekk kif tinsab kullimkien fl-Istati Membri kollha. Ir-rati rrapportati huma stabbli, il-parti l-kbira tal-każijiet huma sporadiċi, filwaqt li t-tifqigħat mhumiex frekwenti. Madankollu, il-frekwenza ta' infezzjoni tikkostitwixxi piż ta' mard sinifikanti, u parti żgħira min-nies b'din l-infezzjoni jesperjenzaw diżabbiltà sinifikanti, inkluż artrite. Għal darb'oħra, ir-rati ta' infezzjoni li ġew irrapportati huma l-ogħla fi tfal żgħar ħafna. Filwaqt li s-sors ta' infezzjoni f'ħafna każijiet mhuwiex magħruf, il-laħam tat-tjur huwa kkunsidrat l-aktar sors komuni ta' trażmissjoni mill-ikel ta' din l-infezzjoni, u l-miżuri ta' kontroll attwali u futuri għadhom jiffukaw fuq dan.

Il-mard parassitiku, partikolarment il-kriptosporidjożi u l-ġijardjażi, għadhom kawżi sinifikanti ta' infezzjoni gastrointestinali fl-Ewropa, u huma partikolarment soġġetti biex jibqgħu mhux dijanjostikati u hemm nuqqas kbir ta' rapporti dwarhom. Il-piż ta' dan il-mard għadu kkaratterizzat b'mod limitat, flimkien ma' informazzjoni pertinenti għall-interventi biex titnaqqas l-okkorrenza tiegħu.

Ħafna mill-mard ta' dan il-grupp għadu rari jew għadu rrapportat b'mod mhux frekwenti. Uħud minnu jħallu konsegwenzi gravi fuq xi individwi infettati (eż. antraċe, botuliżmu, listerjosi, toxoplażmożi). Ġeneralment, dan il-mard huwa rrapportat minn madwar l-UE kollha, filwaqt li r-rati ta' każijiet ikkonfermati jidhru li huma relattivament stabbli b'xejra li ftit li xejn tista' toqgħod fuqha jew li ma tista' toqgħod xejn fuqha matul il-perjodu 2006-09.

Kien hemm xi eċċezzjonijiet importanti fl-2009. Il-każijiet ta' antraċe kienu aktar frekwenti, primarjament minħabba tifqigħa fost min jieħu d-droga ġol-vini fir-Renju Unit; l-antraċe għadha titqies bħala marda emerġenti fir-rigward ta' din ir-rotta ta' trażmissjoni. Ir-rati tas-sindromu uremiku emolitiku (HUS), manifestazzjoni klinika potenzjalment fatali ta' infezzjoni STEC/VTEC, kienu rrapportati aktar spiss fl-2009 minn qatt qabel. Dan jista' jkun relatat mal-karatteristiċi tat-tipi ta' *E. coli* li kienu responsabbli għal żewġ tifqigħat kbar fir-Renju Unit u fil-Pajjiżi l-Baxxi; madankollu, din ix-xejra possibbli lejn aktar infezzjonijiet gravi jeħtieġ li tiġi analizzata mill-ġdid. L-imwiet minħabba l-varjant ta' infezzjoni CJD komplew jonqsu.

Xi infezzjonijiet gastrointestinali rari jew mhux komuni huma aktar frekwenti f'xi subreġjuni u pajjiżi partikolari. Il-bruċellożi hija rrapportata primarjament fil-Portugall, Spanja u l-Greċja, u hija assoċjata primarjament ma' attivitajiet tal-biedja tal-mogħoż; il-parti l-kbira tal-każijiet ta' triċinellożi ġew irrapportati fil-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Litwanja, li jistgħu jkunu assoċjati mal-konsum tal-majjal imrobbi domestikament u l-majjal selvaġġ; il-parti l-kbira tal-każijiet ta' ekinokokkożi ġew irrapportati fil-Bulgarija. Ir-rapporti dwar il-każijiet ta' jersinjożi, b'mod ġenerali

qegħdin jonqsu iżda r-rati ta' każijiet irrapportati baqgħu jiżdiedu fl-Istati Nordiċi, fil-Ġermanja, fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovakkja; l-infezzjoni spiss hija assoċjata mal-konsum tal-majjal. Ir-rati ta' każijiet li ġew ikkonfermati għal-lesterjożi kienu l-aktar għoljin fid-Danimarka, u żdiedu f'dawn l-aħħar snin, minħabba raġunijiet li għadhom inċerti. B'mod ġenerali, il-każijiet ta' Epatite A, ma tantx ġew irrapportati ta' spiss, iżda r-rati ta' każijiet li ġew ikkonfermati għadhom relattivament għoljin fil-Latvja, fir-Repubblika Ċeka, fis-Slovakkja, fir-Rumanija u fil-Bulgarija.

Id-deni tat-tifojde u l-paratifojde u l-kolera huma kkunsidrati mard rari fl-UE u fiż-ŻEE/EFTA, iżda l-każijiet huma preżenti l-aktar bħala importazzjonijiet sporadiċi minn barra l-Unjoni, u d-distribuzzjoni tagħhom tirrifletti mudelli ta' vjaġġar ta' ċittadini tal-UE lejn pajjiżi fejn dan il-mard huwa endemiku.

# Mard kontaġġjuż li jinġarr u emerġenti

Ir-rata li ġiet irrapportata ta' każijiet ta' malarja tibqa' waħda stabbli, bi kważi l-każijiet kollha impurtati minn pajjiżi barra l-Unjoni. Id-distribuzzjoni tal-każijiet madwar l-Istati Membri, tirrifletti primarjament il-mudelli ta' vvjaġġar taċ-ċittadini lejn pajjiżi fejn il-malarja hija endemika. Numru żgħir ta' każijiet indiġeni ta' *Plasmodium vivax* ġew irrapportati mill-Greċja fl-2009. Fl-2010, Spanja rrapportat l-ewwel każ indiġenu tagħha ta' *Plasmodium vivax* mill-1961.

Matul l-2009, komplew jiġu rrapportati każijiet sporadiċi ta' Deni tan-Nil tal-Punent (West Nile) (infezzjoni WNV) mill-Italja, l-Ungerija u r-Rumanija. Il-karatteristiċi tal-każijiet Taljani jissuġġerixxu kontinwazzjoni tat-tifqigħa tal-2008 fit-tramuntana tal-Italja. Fl-2010, żieda fil-mard ikkawżat min-nemus inkluż infezzjoni WNV ġiet osservata f'diversi pajjiżi tal-UE. In-numru ta' każijiet WNV fil-bnedim fl-2010 kien l-aktar wieħed għoli li ġie rrapportat fl-Ewropa f'dan l-aħħar deċennju, filwaqt li l-Greċja kellha l-akbar sehem mit-340 każ ikkonfermat fl-UE. Barra mill-Greċja, ġew irrapportati wkoll każijiet WNV minn Spanja, l-Ungerija, ir-Rumanija u l-Italja, kif ukoll minn tifqigħa kbira fin-nofsinhar tar-Russja.

Ġew irrapportati żewġ każijiet indiġeni ta' deni dengue fin-nofsinhar ta' Franza u 15-il każ indiġenu ta' deni dengue fil-Kroazja, żewġ żoni fejn hu magħruf li hu stabbilit sew il-vettur tan-nemus *Aedes albopictus*. In-numru ta' każijiet ta' Chikungunya żdiedu b'mod sinifikanti fl-2009 fil-vjaġġaturi li kienu qegħdin jirritornaw minn pajjiżi fejn kienet qiegħda sseħħ it-trażmissjoni. Fl-2010, ġiet irrapportata għat-tieni darba t-trażmissjoni indiġena fl-Ewropa (wara t-tifqigħa Taljana tal-2007) b'żewġ każijiet identifikati fin-nofsinhar ta' Franza. Hija meħtieġa sorveljanza kontinwa mill-viċin (tal-bnedmin, veterinarja, entomoloġika) biex din is-sitwazzjoni tinżamm taħt reviżjoni.

Komplew jiġu rrapportati rati għoljin ta' każijiet ta' deni Q, primarjament minħabba tifqigħa fil-Pajjiżi l-Baxxi li kienet mifruxa fuq diversi snin. Din issa hija l-akbar tifqigħa fil-komunità ta' deni Q li qatt ġiet irrapportata. Ġew irrapportati wkoll xi każijiet u xi tifqigħat żgħar minn numru ta' pajjiżi oħra inkluż il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Bulgarija. Id-deni Q hija marda li ma tiġix dijanjostikata faċilment minħabba l-karatteristiċi kliniċi mhux speċifiċi tagħha, u barra minn hekk ma tiġix irrapportata minn xi pajjiżi.

L-infezzjonijiet bil-ħantavajrus għadhom l-aktar deni virali emorraġiku li jiġi rrapportat b'mod komuni, bl-akbar numru ta' każijiet irrapportati mill-Finlandja fl-2009. Ġie rrapportat wkoll numru sostanzjali ta' każijiet ta' deni mill-Istati Membri; fil-każ tal-malarja, l-epidemjoloġija tirrifletti l-ivvjaġġar taċ-ċittadini lejn pajjiżi fejn id-deni dengue huwa endemiku. Fl-2009, forom oħra ta' deni emorraġiku virali ġew irrapportati b'mod rari (bħala każijiet sporadiċi impurtati) jew ma ġew irrapportati xejn.

L-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda każ ta' pesta, ġidri jew SARS fl-2009, iżda kien hemm każ wieħed ta' deni isfar (fi vjaġġatur lejn il-Ghana).

Il-mard kontaġġjuż li jinġarr għadu piż importanti għall-Istati Membri, kemm fil-forma tal-vjaġġaturi infettati li jirritornaw minn pajjiżi fejn dan il-mard huwa endemiku kif ukoll fir-rigward tar-riskju ta' trażmissjoni tal-mard li jsir stabbilit fil-pajjiżi tal-UE. Id-deni tal-Punent tan-Nil issa huwa endemiku fl-Ewropa, fid-dawl tal-preżenza ta' vetturi kompetenti, u bl-okkorrenza ta' tifqigħat f'reġjuni oħra tad-dinja hemm riskju li t-trażmissjoni indiġena ta' mard ieħor, bħad-deni dengue u chikungunya, jistgħu jsiru stabbiliti fil-pajjiżi Ewropew fis-snin li ġejjin.

# Mard li jista' jintlaqa' bit-tilqim

Il-parti l-kbira tal-mard li jista' jintlaqa' bit-tilqim kompla juri xejra ta' tnaqqis jew baqa' stabbli fl-inċidenza rrapportata ta' każijiet ikkonfermati fl-2009, għalkemm fl-2010 tfaċċat żieda sostanzjali fil-ħosba. Fost l-iskeda primarja ta' vaċċini, il-każijiet ta' mard u difterite kienu rari u komplew jonqsu, limitati għal ftit każijiet f'madwar ħames pajjiżi. Ġew irrapportati xi każijiet iżolati ta' tetnu minn xi pajjiżi, l-Italja kienet eċċezzjoni bi 58 każ irrapportat. Fl-2009 ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' poljo, iżda tifqigħa kbira fl-2010, li affettwat prinċipalment it-Taġikistan u l-pajjiżi ġirien, bi kważi 500 każ ikkonfermat, minħabba s-serotip 1 tal-vajrus tal-poljo selvaġġ (WPV1), kienet sfida importanti għall-istatus iċċertifikat tar-Reġjun Ewropew bħala ħieles mill-poljo.

Il-marda invażiva tal-*haemophilus influenzae* għadha mhux komuni, u stabbli fix-xejra, u dan jirrifletti l-kisbiet mill-introduzzjoni tal-vaċċini preċedenti; il-każijiet kienu dominati minn serotipi mhux kapsulati u mhux b. Il-marda meningokokkali invażiva għadha wkoll relattivament mhux komuni, wara l-introduzzjoni tal-vaċċin tal-grupp C, minkejja li l-fatalità fil-każijiet u r-rati ta' diżabbiltà għadhom sostanzjali. Il-mard pnewmokokkali invażiv huwa aktar

frekwenti, iżda s-sistemi ta’ sorveljanza għal din il-marda huma eteroġeni u mhux universali madwar l-Ewropa, u l-effetti tal-introduzzjoni tat-tilqim pnewmokokkali huma diffiċli biex jiġu vvalutati.

Għal mard ieħor, l-istampa epidemjoloġika hija aktar varjarta u ta’ tħassib. Minkejja li huwa vaċċin primarju fil-pajjiżi kollha, il-pertussi għadha infezzjoni relattivament komuni u sottodijanjostikata, b’rati rrapportati stabbli jew li qegħdin jiżdiedu. Numru dejjem jikber ta’ każijiet huma rrapportati fost it-tfal li huma akbar u l-adolexxenti, u l-adulti. Dawn jirrappreżentaw riżerva kbira u sors importanti ta’ infezzjoni għat-tfal iżgħar vulnerabbli.

Eluf ta’ każijiet ta’ ħosba, gattone u rubella għadhom qegħdin jiġu rrapportati madwar l-Ewropa. Fl-2010, l-impenn għall-eliminazzjoni tal-ħosba u r-rubella indiġeni ġie mġedded, iżda mhux sejra tintlaħaq l-eliminazzjoni sal-2015, sakemm ma jsirux interventi effettivi biex tiżdied il-kopertura tat-tilqima mill-Istati Membri kollha. Il-komunitajiet b’aċċess limitat għal servizzi tas-saħħa ta’ rutina huma ta’ sfida partikolari. Tliet pajjiżi biss (is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Islanda) żammew rata ta’ rapportar tal-każijiet ta’ żero mill-2006.

B’mod ġenerali, fl-2009, in-numru ta’ każijiet ta’ ħosba fl-UE naqas meta mqabbel mal-agħar snin preċedenti (2006, 2008) u t-tifqigħat jew iż-żidiet fin-numru ta’ każijiet fl-2009 kienu rrapportati minn Franza, il-Ġermanja, l-Italja, l-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Renju Unit u l-Irlanda. Iżda l-inċidenza reġgħet żdiedet sew fl-2010, bil-Bulgarija responsabbli għall-parti l-kbira tat-30 000 każ irrapportat fl-Ewropa, inkluż 21 mewta.

Il-każijiet ta’ gattone żdiedu b’mod sinifikanti fl-2009, prinċipalment minħabba tifqigħa nazzjonali fir-Renju Unit, relatata ma’ gruppi mhux imlaqqma li jilħqu l-età biex jidħlu fl-università. Il-każijiet ikkonfermati ta’ rubella naqsu fl-2009, u dan jirrifletti parzjalment is-soluzzjoni ta’ tifqigħa fl-Italja fl-2008, iżda jirrifletti wkoll differenzi fis-sistemi ta’ sorveljanza u rapportar, li jinkludu rati baxxi ħafna ta’ konferma mil-laboratorju, u bidliet fid-definizzjonijiet tal-każ użati għar-rapportar minn xi pajjiżi.

# Reżistenza antimikrobika u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa

Abbażi tad-dejta dwar ir-reżistenza antimikrobika rrapportata lill-EARS-Net minn 28 pajjiż fl-2009, u abbażi tar-riżultati ta’ analiżi tax-xejriet, inkluża dejta dwar l-EARSS minn snin preċedenti, is-sitwazzjoni fl-Ewropa turi differenzi kbar skont il-mikroorganiżmu, l-antimikrobiċi kkonċernati u r-reġjun ġeografiku.

Fl-2009, ix-xejriet tal-akbar tħassib kienu s-suxxettibbiltà li bdiet tonqos b’mod rapidu ta’ *Escherichia coli* iżolata mill-infezzjonijiet invażivi, essenzjalment sal-aġenti antimikrobiċi kollha inklużi fis-sorveljanza tal-EARS-Net bl-eċċezzjoni tal-karbapenemi, u l-perċentwali għoljin ta’ reżistenza għat-tielet ġenerazzjoni ta’ kefalosporini, fluorokwinolon u aminoglikosidi fil-*Klebsiella pneumoniae* minn infezzjonijiet invażivi. F’nofs il-pajjiżi ta’ rapportar, il-perċentwal ta’ iżolati ta’ *K. pneumoniae* li kienu reżistenti għal ħafna mediċini (flimkien ma’ reżistenza kkombinata għal kefalosporini, fluorokwinoloni u aminoglikosidi) kien ogħla minn 10% u xi ftit pajjiżi rrapportaw ukoll perċentwali għolja ta’ reżistenza għall-karbapenemi.

Dawn l-antibijotiċi intużaw b'mod komuni f’ħafna pajjiżi minħabba l-prevalenza dejjem tikber ta’ beta-lactamase ta’ spettru estiż (ESBL) li jipproduċu l-Enterobacteriaceae u dan irriżulta fil-ħolqien tal-produzzjoni ta’ karbapenemas (VIM, KPC u NDM-1) speċjalment fil-*K. pneumoniae*. Ir-reżistenza għal kefalosporini tat-tielet ġenerazzjoni fl-*E. coli* żdiedet ukoll b’mod sinifikanti matul l-aħħar erba’ snin f’aktar minn nofs il-pajjiżi ta’ rapportar.

Anki jekk il-perċentwal ta’ *Staphylococcus aureus* reżistenti għall-metiċillin (MRSA) fost l-iżolati tal-i*Staphylococcus aureus* jidher li qiegħed jistabbilizza ruħu, jew saħansitra jonqos f’xi pajjiżi Ewropej, l-MRSA għadha prijorità għas-saħħa pubblika, minħabba li l-proporzjon ta’ MRSA xorta waħda għadu ogħla minn 25% f’aktar minn terz tal-pajjiżi ta’ rapportar.

Id-dejta dwar il-konsum tal-antimikrobiċi li ġiet irapportata lill-ESAC kompliet turi varjazzjoni ta’ kważi erba’ darbiet iktar bejn il-pajjiżi fl-użu antibijotiku għall-pazjenti 'outpatient' espressi f’dożi ddefiniti kuljum għal kull popolazzjoni. Kien hemm ukoll differenzi kbar bejn il-pajjiżi fl-użu relattiv tad-diversi klassijiet ta’ antimikrobiċi. Il-peniċillina għadha l-grupp antimikrobiku użat bl-aktar mod komuni, b’firxa ta’ 29% sa 66% tal-antimikrobiċi kollha użati fil-pazjenti 'outpatient'. Klassijiet antimikrobiċi oħrajn (eż. kefalosporini, makrolidi, kwinoloni) jagħmlu proporzjonijiet li jvarjaw ħafna ta’ użu antimikrobiku fil-pazjeti ta’ barra skont il-pajjiż.

Għall-ewwel darba mit-tranżizzjoni tal-koordinazzjoni tas-sorveljanza tal-kura tas-saħħa assoċjata ma’ infezzjonijiet għall-ECDC fl-2008, inġabret id-dejta permezz tas-sistema tat-TESSy tal-ECDC. Sbatax-il pajjiż issottometta d-dejta għal tal-anqas wieħed mill-komponenti tas-sorveljanza tal-HAI. In-numru ta’ interventi kirurġiċi inklużi fis-sorveljanza għall-2009 żdied b’9.6% u n-numru ta’ ICUs parteċipanti b’22.7% meta mqabbel mal-2008.

Ix-xejriet ta’ tnaqqis fil-prevalenza tal-infezzjonijiet tas-sit kirurġiku wara l-proteżi tal-ġenbejn komplew fl-2009. Id-distribuzzjoni tal-mikrorganiżmi assoċjati ma’ infezzjonijiet akkwistati fl-unitajiet tal-kura intensiva uriet proporzjon għoli ta’ iżolati ta’ Enterobacteriaceae reżistenti għall-kefalosporin tat-tielet ġenerazzjoni (b’mod partikolari, *Klebsiella* spp. u *Enterobacter* spp.). Ir-reżistenza tal-colistin fil-*Pseudomonas aeruginosa*, l-*Acinetobacter baumannii* u s-*Stenotrophomonas maltophilia* ġiet irrapportata b’mod aktar frekwenti fl-2009.

# Konklużjonijiet

Il-pandemija tal-2009 u tal-2010, il-konsegwenzi tagħha u l-evalwazzjonijiet tar-rispons qajmu għadd ta' kwistjonijiet għat-tħejjija u r-rispons għal razez ġodda ta' vajrusis tal-influwenza b'karatteristiċi essenzjalment mhux magħrufa. Waħda mit-tagħlimiet konsistenti mir-reviżjonijiet tal-esperjenza Ewropea hija l-ħtieġa li tissaħħaħ is-sorveljanza għall-influwenza staġjonali ta' rutina fl-isptarijiet u speċjalment fl-unitajiet ta' kura intensiva f'ħafna Stati Membri, u l-koordinazzjoni tagħha fil-livell Ewropew. Is-sistemi għas-sorveljanza li qegħdin jaħdmu sew jistgħu jiġu adattati għas-sitwazzjonijiet pandemiċi; dawn ma jistgħux jiġu żviluppati minnufih *de novo* matul emerġenza tas-saħħa pubblika. Filwaqt li l-assoċjazzjoni bejn wieħed mill-vaċċini tal-influwenza pandemika u n-narkolessija fit-tfal u l-adulti żgħażagħ għad trid tiġi stabbilita, il-monitoraġġ effettiv tal-kopertura u s-sigurtà tal-vaċċini u l-investigazzjoni immedjata tas-sinjali jridu jkunu parti integrali mis-sorveljanza tal-influwenza u l-farmakoviġilanza, bħal min-naħa l-oħra, l-effikaċja tal-vaċċini. Madankollu, fil-preżent il-prijorità hija li jiġu stabbiliti l-karatteristiċi tal-influwenza staġjonali l-ġdida fl-Ewropa, inkluż il-livelli ta' monitoraġġ tat-trażmissjoni tal-vajrusis reżistenti.

Għadd ta' miri Ewropej x'aktarx li mhux sejrin jintlaqħu sakemm ma jiġux implimentati interventi aktar effettivi mill-Istati Membri. It-tifqigħat u l-epidemiji tal-ħosba huma aktar frekwenti u mifruxa minn qabel - l-epidemija fil-Bulgarija fl-2009 hija tfakkira ta' kemm dawn l-epidemiji jistgħu jkunu mifruxin u intensivi, b'ħafna każijiet evitabbli ta' infezzjoni u mewt. L-epidemjoloġija ta' ħosba u rubella qiegħda tiddeterjora aktar milli titjieb, b'diversi Stati Membri qegħdin jitħabtu biex jilħqu jew iżommu livelli adegwati ta' immunizzazzjoni. Minkejja li r-rata ġenerali ta' tuberkolożi li ġiet irrapportata qiegħda tkompli tonqos, il-progress lejn il-miri biex tintlaħaq konferma batterjoloġika ta' u l-kura ta' suċċess għall-każijiet kollha ta' tuberkolożi għadu wieħed limitat. It-tifqigħ mill-ġdid tal-poljo fit-Taġikistan jenfasizza li ż-żamma ta' status ħieles mill-poljo fir-Reġjun Ewropew jeħtieġ viġilanza kontinwa.

Il-kapaċità li jiġi rikonoxxut, investigat u identifikat is-sors probabbli ta' tifqigħa għadu tassew importanti għall-mard trażmess mill-ikel u l-ilma**.** It-tifqigħat nazzjonali u internazzjonali ta' mard minn kriptosporidjum u norovajrus, għal-listerjożi u l-VTEC, li jaffettwaw il-pajjiżi ta' madwar l-Unjoni, huma nnotati f'dan ir-rapport. It-tifqigħat multinazzjonali ta' *Salmonella* jenfasizzaw il-ħtieġa ta' koordinazzjoni aħjar tal-miżuri ta' investigazzjoni u ta' kontroll fl-Istati Membri, fuq livell Ewropew, u bejn l-organizzazzjonijiet u n-netwerks tal-bnedmin, veterinarji u ta' sigurtà fl-ikel. It-tifqigħa tal-2011 ta' *E.coli* enteroħemorroġiku li kellha bħala punt ċentrali tagħha s-Sassonja, fil-Ġermanja hija eżempju ta' dan.

L-iżvilupp ta' reżistenza mill-mikrobi għall-antibijotiċi użati kontrihom għadu problema kbira fis-saħħa tal-pubbliku, kif indikat mill-każijiet tal-UE ta' Enterobacteriaceae li tipproduċi l-karbapenemas tal-metallo-beta-laktamas (NDM-1) karbapenemas, li joriġinaw mis-subkontinent Indjan. Il-pajjiżi jridu jintensifikaw il-programmi tagħhom għall-miżuri ta' preskrizzjoni bbażati fuq l-evidenza u miżuri oħrajn biex titnaqqas il-pressjoni fuq il-ħolqien ta' razez ta' batterji reżistenti. Il-progress magħmul fit-tnaqqis tal-prevalenza tal-infezzjonijiet ta' *Staphyloccocus methicillin* (MRSA) reżistenti għall-metiċillin f'numru ta' pajjiżi huwa wieħed inkoraġġanti, fir-rigward ta' dak li jista' jinkiseb minn strateġiji kkoordinati bħal dawn.

Mard emerġenti fil-kuntest Ewropew qiegħed ikompli jpoġġi f'riskju s-saħħa tal-pubbliku. Il-vajrus tan-Nil tal-Punent (West Nile) għandu jiġi kkunsidrat endemiku f'pajjiżi tax-xlokk tal-UE, filwaqt li qegħdin jiġu rrapportati każijiet indiġeni ta' mard li qabel (fi żminijiet moderni) kienu kkunsidrati biss bħala impurtati - malarja, deni dengue, chikungunya. Hija meħtieġa sorveljanza tal-bnedmin, veterinarja u ambjentali kkoordinata u mtejba fl-Istati Membri kollha li qegħdin f'riskju ta' dawn il-mard, flimkien ma' żvilupp ta' kontromiżuri effettivi.

Mard ieħor huwa kkunsidrat bħala 'emerġenti' permezz ta' bidliet fil-gruppi affettwati u l-mezzi ta' trażmissjoni. L-antraċe saret marda epidemika potenzjali fost min jieħu d-droga ġol-vini. L-epidemjoloġija tal-HIV fil-gruppi differenti qiegħda tkompli tevolvi b'mod differenti madwar pajjiżi differenti.

Għadd ta' mard jibqa' partikolarment soġġett għal nuqqas ta' dijanjożi u rapportar, u dan jikkomplika l-isforzi biex jiġi mifhum il-piż tagħhom u biex jiġu żviluppati interventi xierqa għas-saħħa tal-pubbliku. Dawn jinkludu mard parassitiku tad-dijarea, bħal ġijardjażi u kriptosporidjożi, li għalihom, normalment, servizzi dijanjostiċi tal-laboratorji mhumiex disponibbli f'diversi Stati Membri. Xi mard ieħor jibqa' jew mhux issorveljat jew ma jiġix irrapportat minn xi Stati Membri. Dawn jinkludu bosta li huma responsabbli għall-piż konsiderevoli ta' infezzjoni, li jvarjaw mill-kampilobatterjożi u l-pertussi, sal-gonorrea u l-malarja. Għal xi mard ieħor u għal ċerti Stati Membri, ir-rapportar tal-każijiet skont id-definizzjonijiet tal-każijiet tal-UE għadu sfida importanti.

**Tabella A. Ħarsa ġenerali lejn ix-xejra ġenerali reċenti, ir-rata ta' notifika tal-UE u l-gruppi ta' età ewlenin affettwati, għal mard li jittieħed ħafna li ġie rrapportat lill-ECDC, 2009**

| **Marda** | **Xejra ġenerali 2006-2009** | **Rata ta' każijiet ikkonfermati tal-UE għall-2009 (għal kull 100 000)** | **Gruppi ta' età ewlenin affettwati (2009)** |
|---|---|---|---|
| **Infezzjonijiet fl-apparat respiratorju** | | | |
| Influwenza | ←→ | N/A | 0–14 |
| Influwenza tal-annimali | Dejta insuffiċjenti | 0.0 | Dejta insuffiċjenti |
| Marda tal-Leġjonellożi (leġjonellożi) | < > | 1.0 | 45+ |
| Tuberkolożi | ↓ | 9.1 | 25+ |
| **HIV, infezzjonijiet trażmessi sesswalment u infezzjonijiet virali li jinxterdu permezz tad-demm** | | | |
| Infezzjoni tal-Klamidja | ↑ | 185.1 | 15–24 |
| Infezzjoni tal-gonorroea | ←→ | 9.7 | 15–34 |
| Epatite B | ↓ | 1.2 | 15–64 |
| Epatite Ċ | Dejta insuffiċjenti | 8.2 | 25–64 |
| HIV | ←→ | 5.7 | 25+ |
| AIDS | ↓ | 1.0 | 40–49 |
| Sifilide | ←→ | 4.5 | 20–44 |
| **Mard u żoonosi trażmessi mill-ikel u l-ilma** | | | |
| Antraċe | N/A | <0.01 | Dejta insuffiċjenti |
| Botuliżmu | ←→ | 0.03 | 0–4, 25–64 |
| Bruċellożi | ↓ | 0.08 | 15+ |
| Kampilobatterjożi | ←→ | 53.1 | 0–4 |
| Kolera | N/A | <0.01 | Dejta insuffiċjenti |
| Kriptosporidjożi | < > | 2.7 | 0–4 |
| Ekinokokkożi | ↓ | 0.2 | 25+ |
| *Escherichia coli* li tipproduċi t-tossini tal-Vero/Shiga (VTEC/STEC) | < > | 0.9 | 0–4 |
| Ġijardjażi | ←→ | 5.6 | 0–4 |
| Epatite A | ←→ | 3.4 | 0–24 |
| Leptospirożi | ↓ | 0.1 | 15+ |
| Listerjożi | ←→ | 0.35 | 65+ |
| Salmonellożi | ↓ | 23.6 | 0–4 |
| Xiġellożi | < > | 1.6 | 0–44 |
| Toxoplażmożi konġenitali | N/A | 0.01 | <1 |
| Trikinellożi | ←→ | 0.15 | 5–64 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tularemja | < > | 0.18 | 45+ |
| deni | ←→ | 0.3 | 0–44 |
| Varjant tal-Marda Creutzfeldt–Jakob (vCJD) | N/A | <0.01 | Dejta insuffiċjenti |
| Jersinjożi | ↓ | 2.0 | 0–14 |
| **Mard kontaġġjuż li jinġarr u emerġenti** | | | |
| Malarja | ←→ | 0.9 | 25–44 |
| Pesta | N/A | 0.0 | N/A |
| Deni Q | ↑ | 0.6 | 45–64 |
| Sindromu respiratorju akut gravi (SARS) | N/A | 0.0 | N/A |
| Ġidri | N/A | 0.0 | N/A |
| Infezzjoni tal-ħantavajrus | Dejta insuffiċjenti | 0.7 | 25+ |
| Deni Dengue | Dejta insuffiċjenti | 0.1 | 15–64 |
| Deni Chikungunya | Żieda | 0.02 | 25–64 |
| Infezzjoni tal-vajrus tal-Punent tan-Nil | Żieda | <0.01 | 45+ |
| Deni isfar | N/A | <0.01 | N/A |
| **Mard li jista' jintlaqa' bit-tilqim** | | | |
| Difterite | Tnaqqis | <0.01 | 45+ |
| Marda invażiva tal-*Haemophilus influenzae* | ←→ | 0.4 | 0–4, ≥65 |
| Marda meningokokkali invażiva | ←→ | 0.9 | 0–4, 15-24 |
| Marda pnewmokokkali invażiva | ↓ | 4.4 | 0–4, ≥65 |
| Ħosba | ←→ | 0.8 | 0–24 |
| Gattone | Tnaqqis | 3.2 | 15–24 |
| Pertussi | ←→ | 4.9 | 0–24 |
| Poljomelite | N/A | 0.0 | N/A |
| Rabja | N/A | <0.01 | Dejta insuffiċjenti |
| Rubella | ←→ | 0.1 | 0–4, 15–24 |
| Tetnu | ↓ | 0.02 | 65+ |
| **Reżistenza antimikrobika u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa** | | | |
| Reżistenza antimikrobika | ↑ | N/A | N/A |
| Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa | ←→ | N/A | N/A |

N/A: Mhux applikabbli – relatat ma' mard rari ħafna bl-ebda każ jew bi ftit każijiet osservati.
Dejta insuffiċjenti – relatat ma' mard mhux komuni fejn ix-xejra ma tidhirx b'mod preċiż.